MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2005

Numru 98/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**
**Spettur Simon Galea**
v

**ANDRE SCERRI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANDRE SCERRI** ta' sbatax il-sena bin Patrick u Margaret nee Baldacchino, imwieled Pieta nhar s-sittax ta' April 1986 u joqghod 'Marrick', Triq Sineskal, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 181886M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dan il-Gzejjer fil-wiehed u tletin ta' Jannar 2004, u matul l-erbgha xhur qabel din d-data kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi

Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond l-ligi tordna lil imputat sabiex jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali datat hamsa ta' Frar 2004 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) esibit a fol 4 tal-atti processwali markat bhala dokument CSH.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hamsa ta' Frar 2004, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 7].

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Illi pero wara li l-Qorti semghet l-ammissjoni da parti tal-imputat, hasset il-htiega li tinnomina Proabtion Officer sabiex ihejji pre sentencing inquiry report dwar l-imputat bil-ghan li jkolha gwida dwar x'inhija l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi li ghandha tapplika f'dan il-kaz.

Infatti, fis-seduta tal-hamsa ta' Frar 2004, din il-Qorti ghaddiet biex tinnomina lis-Senior Probation Officer Mariella Camilleri ghal dan l-ghan.

Illi **nhar t-tnejn ta' Gunju 2004, xehdet Senior Probation Officer Mariella Camilleri** [fol 10] u esibit r-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala dokument MC. Spjegat li hi kienet ilha ssegwi lil imputat sa mill-hamsa ta' Frar 2004 u dan b'mod regolari u fil-fehma taghha, l-imputat qed jirregistra hafna progress. Ikkonfermat li l-imputat kien ghaddej programm ta' disintossifikazzjoni fil-komunita Santa Marija fi hdan s-Sedqa u l-imputat kien qed juri progress kbir. Qalet li l-imputat fil-fatt ta l-A Levels u ma jidhirx li kien hemm xi problemi.

Minn ezami tar-relazzjoni tal-istess Senior Probation Officer Mariella Camilleri markata bhala dokument MC [fol 12] jirrizulta li l-imputat kien qabad il-vizzju tad-droga fl-adolixxenza tieghu. Kien tressaq il-Qorti w instab hati ta' pusses ta' droga. Dan nonostante pero hu m'indirizzax din l-problema ghaliex ma kien qed jiehu ebda ghajnuna ritgward din il-problema. L-ewwel darba li gie riferut ghal ghajnuna kien mal-bidu tal-proceduri kriminali kurrenti. Pero minkejja li kellu l-ghazla li jiehu l-kura fuq bazi non residential, huwa ddecieda li jidhol residenti fil-komunita Santa Marija war li temm d-disintossifikazzjoni tieghu f'Dar l-Impenn.

L-imputat ghandu potenzjal qawwi fil-qasam akkademiku tant li kien diga rnexxilu jikseb rizultat posittiv f'disgha soggetti fl-livell Ordinarju. L-istess Senior Probation Officer Mariella Camilleri tkompli tispjiega li matul l-kumpilazzjoni ta' dan r-rapport l-imputat ikkopera bis-shih maghha u kien qed joqghod ghad-direttiivi moghtija lilu.

Illi **nhar l-ghoxrin ta' April 2005, s-Senior Probation Officer Mariella Camilleri xehdet** [fol 34] li l-imputat llum hu fil-fazi ta' re-entry u li ghamel progress kbira tant li anke qed jipprepara ruhu sabiex jaghti l-A Levels u jirritorna lura l-iskola f'Settembru li gej.

Illi din il-Qorti zammet din il-kawza pendenti ghal zmien twil qabel m'ghaddiet biex tghaddi ghas-sentenza u dan nonostante l-ammissjoni kif registrata fis-seduta tal-hamsa ta' Frar 2004 bil-ghan li tkun hi stess li timmonitorja s-sitwazzjoni u tkun zgura li l-imputat rega' qieghed fit-triq t-tajba sabiex jirriabilita ruhu.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha, ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Illi fil-kaz in dezamina, il-Qorti qed thossha ferm konvinta kemm din t-talba tal-imputat biex johrog minn din il-problema hija wahda sinciera w affidabbli. Jirrizulta li huwa veru li dan l-imputat jabbuza mill-uzu tad-droga pero jirrizulta wkoll li ghamel sforz kbir u genwin sabiex jgheleb dan l-istess vizjju.

**Dwar il-piena**:

Il-Qorti ikkunsidrat l-fatt li l-imputat kellu biss sbatax il-sena meta gie mressaq quddiemha u fuq il-fedina penali tieghu ghandu biss reat wiehed registrat u cioe dak

imsemmi aktar 'l fuq u cioe ta' pussess ta' droga meta kien inghata unconditional discharge ghal xahrejn f'Ottubru 2003.

Illi minn dakinhar 'l hawn jidher li l-imputat ghadda minn metamorfosi f'hajtu w illum jinsab fit-triq t-tajba.

Il-Qorti thoss li ghandha zgur tinkoraggixxi zaghzugh li jaghmel hiltu kollha billi jghix boghod mill-familja u hbieb tieghu b'sacrificju kbir u dan sabiex jindirizza l-problema tieghu u tawguralu li jibqa jkollu progress f'dan l-ghemil tieghu.

Il-Qorti rat wkoll li l-imkputat bl-ebda mod ma ried jahli hin tal-Qorti tant li rregistra ammissjoni fl-ewwel seduta li kellu u kienet biss s-scelta tal-Qorti li tara il-progess tal-imputat li l-kaz ma giex deciz qabel.

Illi fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tittratta mal-imputat billi tpoggih taht d-direzzjoni ta' Probation Officer.

**Illi ghalhekk l-Qorti wara li rat l-artikolu 8(1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputat ANDRE SCERRI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tiddecidi li tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna wkoll ai termini tal-artikolu 11(2) tal-istess Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tinhareg ordni ta' servizz fil-komunita fil-konfront ta' ANDRE SCERRI fejn hu ghandu jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt siegha.**

**Il-Qorti tordna li jkun l-Ufficjal tal-Probation li irid jigi nominat mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation li jara fejn Andre Scerri ser jaghmel dawn s-sighat fil-komunita u dan ghandu jsir bi qbil bejn l-imputat probationer u r-rappresentant ta' fejn ser isir dan is-servizz. Dan is-servizz pero m'ghandux jinterferixxi fil-hinijiet ta' studju tal-imputat probationer u**

**ghalhekk il-bon sens tal-Ufficjal tal-Probation nominat ghandu jintlahaq bi ftehim.**

**Il-Qorti qed tobbliga lil imputat probationer sabiex jkompli jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies u li ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien.**

**Tobbliga wkoll lil l-imputat probationer jidher quddiem din il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probationer.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation ai termini tal-artikolu 11(5) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tissolecita lil istess Direttur sabiex jinnomina persuna li jkollha esperjenza dwar kif tittratta maz-zaghzagh.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li hu jonqos li josservha.**

**L-imputat probationer minn naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tinghata lil istess imputat probationer Andre Scerri.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------